DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/507

tad-29 ta' Marzu 2022

li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat in-notifika mill-Irlanda dwar ix-xewqa tagħha li taċċetta u tkun marbuta mir-Regolament (UE) 2021/1147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni ([1]),

Billi:

(1) Permezz tal-ittra tas-7 ta' Frar 2022, l-Irlanda nnotifikat formalment ix-xewqa tagħha, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 21, li taċċetta u tkun marbuta bir-Regolament (UE) 2021/1147.

(2) Ma hemm l-ebda kundizzjoni marbuta mal-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/1147.

(3) Skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 331(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni għalhekk jenħtieġ li tikkonferma l-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/1147.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-parteċipazzjoni tal-Irlanda fir-Regolament (UE) 2021/1147 hija kkonfermata.

2. Ir-Regolament (UE) 2021/1147 għandu japplika għall-Irlanda skont din id-Deċiżjoni mis-7 Ta' Frar 2022.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 251, 15.7.2021, p. 1.